# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

**PRESIDENT**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001.**

**Numru 2**

**Avviz numru 1875/99 FS**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Theresa Attard**

**Il-Qorti;**

**<u>IR-RIKORS TAL-APPELL</u>**

Is-socjeta' attrici appellat mid-decizjoni tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar moghtija fis-6 ta' Ottubru 2000 b'dan ir-rikors ta' appell :-

> "1. Illi b'decizjoni in parte (sic!) moghtija fis-6 ta' Ottubru 2000, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda li, ai termini tal-artikolu 7 (2) (a) ta' l-Att numru V tal-1995, kellu jiddikjara ruhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri fl-ismijiet premessi u ghalhekk astjena minnhom, bl-ispejjez minghajr taxxa.

2. Illi l-esponent hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u bil-prezenti qed tappella minnha a tenur tal-artikolu 8 (2) (c) tal-imsemmi Att, li jissanzjoni kull nuqqas ta' tharis da parti tat-Tribunal tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 (2) tal-istess.

3. Illi l-fatti u l-punti legali involuti f'din il-kawza huma kif gej :-

(a) L-esponenti bdiet proceduri quddiem l-imsemmi Tribunal li bihom qed titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin (Lm95) bhala bilanc mill-prezz ta' tliet mija hamsa u disghin lira Maltin (Lm395) dovuta ghal "air conditioner" mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuta ;

(b) Il-konvenuta b'risposta ghal din it-talba eccepiet l-ewwel il-preskrizzjoni, liema eccezzjoni giet michuda b'sentenza in parte tal-20 ta' Marzu 2000. Fit-tieni u l-ahhar eccezzjoni taghha l-konvenuta appellata eccepiet li l-"air conditioning unit in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' pattwita u kien difettuz";

(c) Fis-seduta tat-28 ta' April 2000 l-esponenti rrilevat li din it-tieni eccezzjoni taqa' taht dak li jinghad fl-artikolu 7 (2) (a) tal-Att V fuq riferit ;

(d) B'digriet tal-5 ta' Gunju 2000, it-Tribunal accetta s-sottomissjoni tal-esponenti u, filwaqt li ssospenda l-procedimenti, ta' terminu ta' xahar lill-konvenuta biex, jekk jidhrilha, tipprocedi b'azzjoni separata quddiem il-Qorti kompetenti fir-rigward tat-tieni eccezzjoni taghha u halla l-kawza "sine die riappuntabbli fi zmien hmistax il-jum minn esitu definittiv tal-imsemmija azzjoni separata jew mill-gheluq tat-terminu moghti ……. f'kaz li l-istess azzjoni ma tigix istitwita" ;

(e) Illi wara li l-konvenuta halliet it-terminu jghaddi inutilment il-kawza giet riappuntata fuq talba tal-esponenti ghat-18 ta' Settembru 2000, f'liema seduta l-esponenti ssottomettiet li, ladarba l-konvenuta ghazlet li ma tipprocedix b'azzjoni separata **quddiem il-Qorti kompetenti** fit-terminu moghti lilha, dan ifisser li kenet **irrinunzjat tacitament** ghall-istess eccezzjoni u t-Tribunal kellu jghaddi biex jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lill-appellata thallas is-somma bilancjali mitluba ;

(f) Illi, minn naha taghha, l-appellata rrispondiet li, fir-rigward tal-eccezzjoni taghha dwar il-kwalita' pattwita, t-Tribunal m'ghandux kompetenza u ghaldaqstant ghandu jirrinunzja milli jisma' din il-kawza. L-esponenti rreplikat li din is-sottomissjoni hija zbaljata ghaliex, f'kaz li t-Tribunal jimxi b'dan il-mod, l-

esponenti ma kellhiex rimedju gudizzjarju iehor ladarba l-kompetenza f'kawzi ta' mhux izjed minn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) kienet **esklussivament** tal-istess Tribunal ;

(g) Illi bis-sentenza fuq riferita tas-6 ta' Otturu 2000, it-Tribunal ghazel li jaghti ragun lill-appellata u astjena milli jiehu aktar konjizzjoni tal-"proceduri".

4. Illi l-esponenti tissottometti umilment li din id-decizjoni hija wahda ghal kollox zbaljata ghaliex, ghalkemm fil-bidu t-Tribunal mexa korrettament meta ssospenda l-proceduri biex jaghti opportunita' lill-konvenuta tipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti, zbalja meta gie biex jinterpreta verament ghalfejn il-legislatur dahhal l-artikolu 7 in kwistjoni. Infatti, fil-fehma tal-esponenti, l-provvediment in kwistjoni ma jista' qatt jeffettwa l-kompetenza o meno tal-azzjoni attrici ghaliex din hija regolata unikament mill-artikolu 3 tal-Att.

5. Li kellu f'rasu l-legislatur, kif jidher car mill-artikolu 7 (2) mehud fl-assjem tieghu, huwa li, meta eccezzjoni tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni, min jaghtiha jinghata c-cans li, jekk jidhirlu, jressaqha quddiem il-Qorti kompetenti. Pero', ma tista' qatt tfisser li fin-nuqqas li jaghmel dan, konvenut jinghata d-dritt li jgib fix-xejn l-azzjoni attrici li tkun korrettament istitwita. Huwa ghalhekk li l-legislatur uza l-**"jissospendi"**. Kieku ried li tinghata l-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza appellata, kien jghid car u tond li t-Tribunal ghandu **JASTJENI MILLI JIEHU AKTAR KONJIZZJONI TAL-KAWZA**.

6. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq espost, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-appell taghha u, wara li thassar id-decizjoni tat-Tribunal fuq riferita, taqta' l-istess kawza billi tiddeciedi li fic-cirkustanzi l-konvenuta appellata ezawriet l-eccezzjonijiet taghha u konsegwentement tikkundannaha thallas lill-esponenti l-ammont bilancjali mitlub ta' hamsa u disghin lira Maltin (Lm95), bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellata."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Din il-Qorti rriproduciet ir-rikors tal-appell ghaliex dan jaghti stampa korretta ta' l-iter processwali illi sehh quddiem it-Tribunal. L-uniku punt li kellu jigi deciz minn din il-Qorti kien jekk it-Tribunal kienx korrett illi jiddikjara ruhu inkompetenti illi jiehu konjizzjoni tat-talba attrici una volta l-konvenuta kienet naqset li tipprocedi gudizzjarjament quddiem il-Qorti kompetenti biex issostni l-eccezzjoni taghha illi l-oggett lilha mibjugh ma kienx tal-kwalita' pattwita u dan skond kif diretta mill-istess Tribunal.

**L-AGGRAVJU**

L-aggravju tas-socjeta' attrici hu ghal kollox sostnut fil-ligi. Una volta l-konvenuta naqset li tipprocedi skond kif lilha ordnat fiz-zmien perentorju lilha moghti, t-Tribunal kellu jqis li hi kienet irrinunzjat ghal dik l-eccezzjoni u konsegwentement kellu jghaddi biex jiehu konjizzjoni u jiddeciedi l-mertu kif dedott li certament kien jaqa' fil-kompetenza tieghu. Dan ghaliex ma kien hemm l-ebda raguni biex it-Tribunal ikompli jsostni s-sospensjoni tal-konsiderazzjoni tieghu tal-mertu kif dedott minhabba l-ghoti tal-eccezzjoni li, kieku sostnuta, kienet tinvesti mertu li kien jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Billi ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni jew eccezzjoni fir-rigward tal-ammont reklamat mis-socjeta' attrici bhala bilanc dovut fuq il-prezz tal-airconditioning unit mibjugh mill-konvenuta, dik it-talba kellha tigi milqugha. (Ara Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana u Blye Engineering Company Limited vs Rose Borg decizi wkoll illum).

Din il-Qorti qed tghaddi biex tiddeciedi finalment il-mertu bl-applikazzjoni tad-dispost tas-sub-inciz 3 tal-artikolu 8 tal-Att numru V tal-1995.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh u l-konvenuta qed tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm95. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta appellata li kellha wkoll thallas l-imghax fuq l-ammont dovut skond il-ligi.

Dep/Reg

mg